MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2019

Rikors Maħluf Numru 53/2017 LM

**Shaun Zammit (K.I. numru 197992M)**

***vs.***

**Stankovic Srdan (K.I. numru 127207A); u**
**Signal 8 Security (C 54368); u b'digriet tat-22 ta' Marzu, 2017 l-isem ġie korrett għal Signal 8 Security Services Malta Limited u**
**Ugo's Limited (C 43083) u b'digriet tat-22 ta' Marzu, 2017 l-isem ġie korrett għal Hugo's Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-17 ta' Jannar, 2017 mill-attur **Shaun Zammit** (K.I. 197992M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi nhar it-tlieta u għoxrin ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (23.11.2014), l-esponenti kien qiegħed ġewwa l-istabbiliment 'Bacco' fi Triq Santa Rita, San Ġiljan, liema stabbiliment huwa ġestit mis-soċjetà intimata Ugo's Limited (C*

*43083), mal-mara tiegħu Elyse Zammit u ma' xi ħbieb tiegħu, ossia Raymond Sultana u Michela Camilleri;*

2. *Illi f'ħin minnhom, waqt li l-esponenti kien qiegħed mal-bar, kien hemm persuna ta' nazzjonalità barranija li beda jimbuttah, fejn sabiex jevita kwalunkwe forma ta' konfrontazzjoni, qallu sabiex iħallih u jitlaq 'il bogħod minnu;*

3. *Illi xi ħin wara, hekk kif l-esponenti kien għadu fl-istess stabbiliment, ra lill-istess persuna li kien ġej għal fuqu, fejn f'daqqa waħda, l-istess securities li kienu impjegati mas-soċjetà intimata Signal 8 Security Malta Limited li hi nnifisha kienet ingaġġata mis-soċjetà intimata Hugo's Limited, minflok intervjenew sabiex jikkalmaw is-sitwazzjoni, aggredew lill-esponenti, b'tali mod li l-istess esponenti spiċċa priv minn kwalunkwe saħħa u kellu jittieħed l-Isptar Mater Dei għall-kura medika neċessarja;*

4. *Illi hekk kif l-esponenti kien qiegħed l-Isptar Mater Dei għall-kura, il-mara tiegħu u l-ħbieb tiegħu, li kienu preżenti waqt din l-aggressjoni u għalhekk raw dak kollu li kien ġara, daħlu fuq is-sit elettroniku tal-istabbiliment imsemmi sabiex jaraw jgħarfux lil xi persuni li kienu aggredew lill-esponenti, fejn fil-fatt, huma għarfu lill-intimat Stankovic Srdan bħala wieħed mill-aggressuri;*

5. *Illi ta' dan kollu ġiet infurmata l-Pulizija Eżekuttiva fejn tħejja rapport u sussegwentement inħarġu l-akkużi relattivi quddiem il-Qrati Kriminali, fil-konfront tal-intimat Stankovic Srdan, u dan stante li l-esponenti ma kienx fil-possibilità li jagħraf lill-aggressuri l-oħra;*

6. *Illi l-proċeduri kriminali fil-konfront tal-intimat Stankovic Srdan qegħdin jinstemgħu quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, hekk kif preseduta mill-Maġistrat Dr Josette Demicoli;*

7. *Illi stante li l-esponenti baqa' jbati l-konsegwenzi ta' din l-aggressjoni, huwa ġie medikament invistat minn Dr Albert Bezzina M.D., Dip. Spec. Oftal. (Pavia) Consultant Opthalmologist, fejn irriżulta li l-esponenti qiegħed ibati minn diżabilità permanenti ta' erbgħa fil-mija (4%) kopja ta' liema ċertifikat qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'A';*

8. *Illi waqt din l-aggressjoni, is-soċjetajiet intimati naqsu milli jipprovdu s-sigurtà neċessarja sabiex jiġi impedut lill-istess impjegati tagħhom milli jaggredixxu lill-esponenti;*

*Jgħidu għalhekk l-intimati għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u opportuna, tiddikjara lill-intimati, jew min minnhom, kompletament responsabbli għall-inċident li seħħ nhar it-tlieta u għoxrin ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (23.11.2014), fil-'Bacco', fi Triq Santa Rita, San Ġiljan waqt li r-rikorrenti ġie aggredit mill-intimat Stankovic Srdan li dak il-ħin kien impjegat mis-soċjetà intimata Signal 8 Security Services Malta Limited li kienet ingaġġata mis-soċjetà intimata Ugo's Ltd;*

2. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti okkorrendo bl-opera ta' perit/i nominandi; u*

3. *Tikkundanna lill-intimati jew lil min minnhom biex iħallsu lir-rikorrent għad-danni kollha minnu sofferti kif jiġu hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 29 ta' Lulju tas-sena 2016 u bl-interess legali kontra l-intimati li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Signal 8 Security Services Malta Limited** (C 54368) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta Signal 8 Security Services Limited"), li ġiet ippreżentata fit-13 ta' Frar, 2017, minn Joseph John Grech (K.I. numru 435861M) u maħlufa minnu stess, li biha eċċepixxa:

*It-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu respinti fl-intier tagħhom fil-konfront tal-kumpannija esponenti, għar-raġunijiet kif hawn aktar 'l isfel elenkati:*

1. *Fl-ewwel lok, in linea preliminari, il-kumpannija esponenti ġiet erronjament indikata fir-rikors ġuramentat promutur bħala 'Signal 8 Security'; l-atti jeħtieġu li jirriflettu l-isem proprju tal-kumpannija intimata u ċioe Signal 8 Security Services Malta Limited;*

2. *Fit-tieni lok, fil-mertu, mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-kumpannija esponenti ma hijiex il-leġittimu kontradittur tar-rikorrenti in kwantu, kuntrarjament għal dak premess fir-rikors ġuramentat promutur, ma għandha ebda konnessjoni mal-allegat aggressur, u qatt ma pprovdiet is-servizzi ta' sigurtà ġewwa l-istabbliment in kwistjoni kif premessi mir-rikorrenti;*

3. *Fit-tielet lok, fil-mertu, mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-kumpannija esponenti ma hijiex responsabbli għall-allegati danni subiti mir-rikorrenti; dan dejjem jekk tali allegati danni jeżistu;*

4. *Fir-raba' lok, fil-mertu, mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti jeħtieġlu jipprova l-allegati danni minnu subiti;*

5. *Fil-ħames lok, fil-mertu, mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-konklużjonijiet milħuqa mill-Perit ex parte ngaġġjat mir-rikorrenti, fuq liema l-istess rikorrenti jsejjes l-azzjoni odjerna tiegħu, ma jindividwax danni fil-parametri tal-Liġi u tal-ġurisprudenza lokali;*

6. *Fis-sitt lok, fil-mertu, mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Liġi, u jekk ikun il-każ.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti, inklużi dawk tal-ittra ġudizzjarja datata 11 ta' Awwissu, 2016 u b'riserva ta' kwalunkwe azzjoni spettanti lill-kumpannija intimata kontra l-istess.*

*Dikjarazzjoni Ġuramentata tal-kumpanija intimata Signal 8 Security Services Malta Limited:*

*Il-kumpannija intimata tiddikjara bir-rispett u bil-ġurament tiegħu Joseph John Grech (K.I. Numru 435861M), direttur waħdieni tal-istess u kif debitament awtorizzat, jikkonferma ILLI:*

*L-esponenti ma taqbilx mal-fatti dwar it-talba murija fid-dikjarazzjoni tar-rikorrenti, it-talbiet ta' liema għandhom jiġu respinti fl-intier fil-konfront tal-kumpannija esponenti u bl-ispejjeż kontra l-istess għar-raġunijiet esposti.*

1. *Fir-rispett tal-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-istanti: in linea preliminari, il-kumpannija esponenti ġiet erronjament indikata fir-rikors ġuramentat promutur bħala 'Signal 8 Security'; l-atti jeħtieġu li jirriflettu l-isem proprju tal-kumpannija intimata u ċioe Signal 8 Security Services Malta Limited;*

2. *Fir-rispett tat-tieni eċċezzjoni sollevata mill-istanti: fil-mertu, mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-kumpannija esponenti ma hijiex il-leġittimu kontradittur tar-rikorrenti in kwantu, kuntrarjament għal dak premess fir-rikors ġuramentat*

*promutur, ma għandha ebda konnessjoni mal-allegat aggressur, u qatt ma pprovdiet is-servizzi ta' sigurtà ġewwa l-istabbiliment in kwistjoni kif premessi mir-rikorrenti;*

3. *Fir-rispett tat-tielet eċċezzjoni sollevata mill-istanti: fil-mertu, mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-kumpannija esponenti ma hijiex responsabbli għall-allegati danni subiti mir-rikorrenti; dan dejjem jekk tali allegati danni jeżistu;*

4. *Fir-rispett tar-raba' eċċezzjoni sollevata milll-istanti: fil-mertu, mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti jeħtieġlu jipprova l-allegati danni minnu subiti;*

5. *Fir-rispett tal-ħames eċċezzjoni sollevata mill-istanti: fil-mertu, mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-konklużjonijiet milħuqa mill-Perit ex parte ngaġġat mir-rikorrenti, fuq liema l-istess rikorrenti jsejjes l-azzjoni odjerna tiegħu, ma jindividwawx danni fil-parametri tal-Liġi u tal-ġurisprudenza lokali;*

6. *Fir-rispett tas-sitt eċċezzjoni sollevata mill-istanti: fil-mertu, mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

7. *Joseph John Grech (K.I. numru 435861M) jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà **Hugo's Limited** (C 43083) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta Hugo's Limited"), li ġiet ippreżentata fit-23 ta' Frar, 2017, u maħlufa minn **Hugo Chetcuti** (K.I. numru 104487M), li biha eċċepiet:

1. *Illi preliminarjament il-proċeduri ġew istitwiti fil-konfront ta' soċjetà li per se ma teżistix stante li l-kumpannija reġistrata bin-numru C 43083 għandha l-isem Hugo's Limited u mhux Ugo's Ltd. kif indikat fir-rikors promutur;*

2. *Illi fit-tieni lok is-soċjetà esponenti ma għandha ebda konnessjoni mal-istabbiliment Bacco imsemmi fir-rikors promutur u kwindi ma hemm ebda ness la fattwali u lanqas legali bejn il-premessi fir-rikors promutur u t-talbiet;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju s-soċjetà esponenti ma hija bl-ebda mod responsabbli għad-danni talvolta subiti mir-rikorrenti.*

*Dikjarazzjoni bil-ġurament ta' Hugo Chetcuti (ID 104487M) fil-kwalità tiegħu ta' direttur tas-soċjetà Hugo's Limited:*

1. *Illi jiena l-unika direttur tas-soċjetà Hugo's Limited u ma għandi ebda kumpannija bl-isem Ugo's Ltd.;*
2. *Illi s-soċjetà Hugo's Limited ma għandha ebda konnessjoni fil-ġestjoni jew tmexxija tal-istabbiliment Bacco li tinsab f'St. Rita Steps, Paceville;*
3. *Illi lanqas ma jiena licensee ta' dan l-istabbiliment u lanqas il-kumpannija Hugo's Limited ma hija licensee ta' dan l-istabbiliment;*
4. *Illi għalhekk ma hemm ebda konnessjoni bejn il-kawża li qed titmexxa 'l quddiem u l-kumpannija Hugo's Limited;*
5. *Illi l-kumpannija Hugo's Limited ma hija bl-ebda mod responsabbli għad-danni li qed jallega li sofra r-rikorrenti;*
6. *Illi dawn il-fatti jien naf bihom personalment.*

Permezz ta' rikors tat-2 ta' Mejju, 2017, l-avukat difensur tal-attur spjega li hu pprova jinnotifika lill-konvenut Stankovic Srdan fit-3 ta' April, 2017, meta l-istess Stankovic Srdan kellu jidher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fejn għaddejjin proċeduri kriminali kontrih b'rabta ma' dan il-każ. Madanakollu Stankovic Srdan irrifjuta n-notifika tar-rikors promotur mill-Marixxall tal-Qorti. Fl-udjenza tal-25 ta' Ottubru, 2017, il-Qorti semgħet lill-Marixxall Eugenio Mallia[1] jixhed li fit-3 ta' April, 2017 huwa mar fl-awla numru wieħed u sab lill-konvenut Stankovic Srdan akkumpanjat minn interpretu. Il-Marixxall Mallia spjegalu li kien qiegħed jinnotifikah bir-rikors maħluf, iżda nonostante dan il-konvenut Stankovic Srdan irrifjuta li jaċċetta tali notifika. Kien in vista ta' din id-dikjarazzjoni li l-Qorti wara li rat l-artikolu 187(1) tal-Kap. 12, permezz tad-digriet tagħha tal-25 ta' Ottubru, 2017 qieset li l-konvenut Stankovic Srdan kien ġiet debitament notifikat bir-Rikors Maħluf fit-3 ta' April, 2017 meta l-istess konvenut irrifjuta n-notifika tal-

[1] *A fol.* 44 tal-proċess.

imsemmi att. Madanakollu l-konvenut Stankovic Srdan naqas milli jippreżenta Risposta Maħlufa entro t-terminu mogħti lilu mil-liġi, u għaldaqstant il-Qorti qieset li dan baqa' kontumaċi għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-28 ta' Novembru, 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-attur u tas-soċjetajiet konvenuti.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

L-attur jallega li sofra danni minħabba aggressjoni li għadda minnha waqt li kien ma' martu u xi ħbieb fl-istabbiliment Bacco's fi Triq Santa Rita, San Ġiljan, fit-23 ta' Novembru, 2014. L-attur allega li huwa safa aggredit meta Stankovic Srdan, impjegat mal-konvenuta Signal 8 Security Limited imbuttah u wara reġa' mar għalih u weġġgħu f'għajnejh, filwaqt li uffiċjali oħra tas-sigurtà impjegati mas-soċjetajiet konvenuti m'għamlu xejn u ma intervjenew bl-ebda mod biex jikkalmaw is-sitwazzjoni, anzi għall-kuntrarju kienu parteċipi fl-aggressjoni li ġarrab fuqu l-attur.

Is-soċjetajiet konvenuti eċċepew li huma mhumiex leġittimi kontradditturi f'dawn il-proċeduri, u filwaqt li s-soċjetà Signal 8 Security Limited allegat li hi qatt m'offriet servizzi ta' sigurtà fl-istabbiliment imsemmi, u l-konvenut Stankovic Srdan qatt ma kien impjegat tagħha, is-soċjetà Hugo's Limited eċċepiet li hi m'għandha l-ebda konnessjoni mal-istabbiliment li fih seħħet l-aggressjoni, stante li dan l-istabbiliment hu inkorporat fil-Hugo's Hotel, li hija ġestita minn soċjetà separata u distinta minn dik li ġiet indikata bħala konvenuta f'dawn il-proċeduri.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Flimkien mar-Rikors Maħluf tiegħu, l-attur esebixxa kopja ta' rapport mediku rilaxxjat minn **Dr Albert Bezzina,** konsulent fil-qasam tal-oftalmoloġija[2], li eżamina lill-attur xi jiem wara l-inċident. Dr Bezzina kkonstata li l-attur kien sofra trawma f'wiċċu u fuq ġismu, kif ukoll daqqa fuq għajnu tax-xellug. Dan l-espert mediku *ex-parte* ddeskriva dak li sofra minnu l-attur:

> "*Eye examination showed no tears to the structure of the eye but vitreous opacities were noted which could be explained by a partial vitreous detachment as well as some inflammatory response due to the blunt trauma ... The main problem here is not a reduction in vision but a persistent discomfort caused when these 'floaters' become prominent in situations of bright light causing distraction and anguish as well as promoting increased mood irritability. These floaters will not recede or disappear with time.*"

Dr Bezzina kkonstata wkoll li minkejja li dan l-uġigħ kontinwu u n-nuqqas ta' konfort esperjenzat mill-attur mhux neċessarjament għandhom iwasslu biex

---

[2] *A fol.* 7 tal-proċess.

dan ma jkunx jista' jkompli jgħix ħajtu b'mod normali, madanakollu l-uġigħ persistenti qiegħed jikkawża tbatija u skumdità li għalihom l-attur għandu jingħata kumpens.[3] L-espert mediku *ex-parte* qal li hu jivvaluta d-debilità permanenti sofferta mill-attur fil-grad ta' erbgħa fil-mija (4%).

L-attur **Shaun Zammit** fl-*affidavit* tiegħu[4] qal li dakinhar tat-23 ta' Novembru, 2014 hu flimkien ma' martu u xi ħbieb kienu qegħdin jieklu xi ħaġa fl-istabbiliment Bacco's sabiex jiċċelebraw għeluq snin il-mara tiegħu. Qal li f'ħin minnhom kien hemm ġuvni li beda jindikalu b'idejh li huwa kien laqtu, u waqt li l-attur indikalu li ma kien ġara xejn b'daqshekk, dan il-ġuvni beda jgħolli leħnu u jgħajjat b'lingwa barranija. Żied jgħid li min-naħa tiegħu hu taptaplu fuq dahru biex jikkalma, iżda minflok il-konvenut mar għalih u qabdu minn għonqu waqt li l-attur kien qiegħed iħares fid-direzzjoni opposta. Qal li f'daqqa waħda nqalgħet ġlieda, hekk kif hu sab ruħu bl-uffiċjali tas-sigurtà impjegati fil-Baccols Bar ituh "bla ħniena". L-attur ddeskriva dak li ġara b'dan il-mod:

> "Irrid ngħid li niftakar li jien bdejt naqla' ġo fija u niftakar li kien hemm raġel li beda jagħtini bis-sieq u jsabbatli rasi ma' rkopptu. Irrid ngħid li jien tant qlajt li ma stajtx nagħraf dak il-ħin min kien qiegħed isawwatni, naf żgur li kont għall-kwiet ġo Bacco u spiċċajt qlajt xebgħa għal xejn b'xejn u flok li l-istaff ta' dan l-istabbiliment, kif suppost jagħmel jipproteġi lil min ikun ġo fih, jien spiċċajt imsawwat u mkeċċi 'l barra mill-istess nies li suppost jiggarantixxu s-sigurtà tiegħi."

L-attur żied jgħid li ma kienx hemm il-ħtieġa li jkun hemm dawk l-uffiċjali tas-sigurtà kollha, u kienu biss tnejn minnhom li lilu ppruvaw jiddefenduh ħalli ma jkomplix jaqla' swat. Qal li kienu sħabu li għenuh jinżel it-taraġ u li ċemplu

[3] Fi kliem ix-xhud: *"it is on these grounds, though no visual disability can be ascertained, the anguish and irritation claimed by the victim, Mr. Shawn Zammit, is in fact real and is further compounded by the recurring pain around the left orbit when he bends forwards."*
[4] *A fol.* 46 tal-proċess.

għall-ambulanza u filwaqt li hu mar l-Isptar għall-kura, sħabu marru jagħmlu rapport fl-Għassa ta' San Ġiljan. L-attur qal li mit-testijiet li sarulu ġie stabbilit li kellu ksur fl-orbita ta' wiċċu. Kompla jgħid li fl-24 ta' Novembru, 2014 filgħaxija, huwa mar flimkien mal-mara tiegħu u missierha ġewwa l-Għassa ta' San Ġiljan, fejn l-uffiċjali tal-Pulizija qalulu li n-natura tal-ġrieħi sostnuti minnu ma kinux deskritti tajjeb fuq iċ-ċertifikat rilaxxjat mill-Isptar, u għalhekk huwa kien reġa' mar l-Isptar u talab li ċ-ċertifikat jiġi emendat sabiex jiġu deskritti l-ġrieħi sofferti minnu b'mod aktar preċiż. Qal li fil-fatt kien ġie stabbilit li huwa sofra ġrieħi ta' natura gravi waqt l-inċident. L-attur spjega li fis-27 ta' Novembru, 2014, hu reġa' mar l-Għassa ta' San Ġiljan, fejn is-surġent tal-għassa talab żewġ uffiċjali tal-Pulizija jelevaw filmati tas-sigurtà mill-istabbiliment inkwistjoni, filwaqt li saret komunikazzjoni ma' Jovan Grech, direttur tas-soċjetà konvenuta Signal 8 Security Malta Limited, sabiex dan jagħti l-ismijiet tal-persuni li kienu xogħol fl-istabbiliment Bacco's dakinhar li seħħ l-inċident. Żied jgħid ukoll li dan Jovan Grech beda jallega li mart l-attur kienet avviċinat lill-uffiċjali tas-sigurtà bi flixkun f'idejha dakinhar tal-inċident, xi ħaġa li l-attur ċaħad. Qal li fis-6 ta' Diċembru, 2014 kienet saret laqgħa fl-uffiċċju tas-soċjetà konvenuta Signal 8 Security Malta Limited, fejn Grech baqa' jinsisti li kienet mart l-attur li resqet lejn l-uffiċjali tas-sigurtà bi flixkun f'idejha, u kien hawn li l-attur u l-familjari li kellu miegħu talbu sabiex jintwerew filmati tas-sigurtà sabiex setgħet tiġi stabbilita l-verità. L-attur jgħid li dakinhar ukoll Jovan Grech kien ammetta li numru ta' uffiċjali tas-sigurtà impjegati miegħu kienu qegħdin jaħdmu mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. L-attur allega li qabel intemmet din il-laqgħa, Jovan Grech kien infurmah li kien hemm madwar għoxrin (20) uffiċjal tas-sigurtà mas-soċjetà li tagħha hu kien direttur, li kienu lesti li jagħmlu offerta ta' flus lill-attur sabiex

dan ma jipproċedix b'kawża ċivili għad-danni. Qal li huwa ma aċċettax dan il-kumpens minħabba li ma kienx jaf x'tip ta' diżabilità kien qiegħed isofri minnha u lanqas ma kien jaf din kif kienet ser taffettwah. Kompla jgħid li hu jħoss li dakinhar tal-inċident hu safa msawwat għalxejn b'xejn u seta' tilef ħajtu f'post li suppost hu għad-divertiment. Qal ukoll li madwar ġimgħa wara li seħħ l-inċident, Jovan Grech kien ċempel lill-kunjatu tal-attur, li hu ex pulizija, u qallu li hu kien ra l-filmat tas-sigurtà u qallu li jkun aħjar jekk huwa ma jarax dan il-filmat minħabba fil-mod kif l-uffiċjali tas-sigurtà kienu mxew mal-attur. Qal li xi ġimgħat wara hu kien intwera dan il-filmat, u seta' jara li ħafna minn dawk li kienu aggredewh kienu uffiċjali tas-sigurtà. L-attur allega li kien hemm iktar filmati li juru eżattament x'ġara dakinhar tal-inċident, iżda għal xi raġuni dawn ma ngħatawx lill-Pulizija. L-attur ikkonkluda x-xhieda tiegħu billi qal li b'rabta ma' dan il-każ kien tressaq l-Qorti l-konvenut Stankovic Srdan fi proċeduri kriminali, u qal li din l-esperjenza affettwatu b'mod ħażin tant li m'għadux javviċina ċerti postijiet minħabba l-biżgħa li tnisslet fih.

L-attur xehed *viva voce* fl-udjenza tal-24 ta' Novembru 2017[5], fejn ippreżenta CD bil-filmat elevat mill-istabbiliment Bacco's dakinhar li seħħ l-inċident.

Fl-istess udjenza xehdet **Eliza Zammit** li qalet li dakinhar tal-inċident, hi u żewġha l-attur kienu qegħdin jiċċelebraw il-*birthday* tagħha ġewwa l-istabbiliment fejn seħħ l-inċident mertu tal-kawża, meta f'daqqa waħda żewġha safa aggredit minn numru ta' uffiċjali tas-sigurtà fl-istess stabbiliment. Ix-xhud qalet li hija taf li l-aggressuri kienu uffiċjali tas-sigurtà minħabba fil-mod kif kienu lebsin, u ftit tal-minuti wara li żewġha safa aggredit, huwa kien ittieħed l-Isptar bl-ambulanza. Qalet li aktar tard hi daħlet fuq il-paġna ta'

[5] *A fol.* 51 tal-proċess.

*Facebook* tal-istabbiliment Bacco's, fejn identifikat mir-ritratti lir-raġel li kien ħariġha 'l barra. Qalet li dan ma kienx l-uniku aggressur u kien hemm diversi aggressuri lkoll uffiċjali tas-sigurtà fl-istess stabbiliment. Kompliet tgħid li dan l-inċident kien trawma kbira għar-raġel tagħha, u minn dakinhar sar jibża' jiffrekwenta ċerti postijiet, u qalet ukoll li żewġha għadu jara *floaters* quddiem għajnejh u hemm postijiet bħall-baħar li ma jistgħux imorru minħabba l-mod kif ġiet affettwata l-vista ta' għajnejh. Ix-xhud kompliet tispjega li l-aggressjoni bdiet wara li żewġha laqat persuna u skuża ruħu miegħu, iżda dan f'daqqa waħda dar għalih, filwaqt li għadd ta' persuni ġibdu lill-attur u bdew isawtuh. Żiedet tgħid li hi għarfet lil Stankovic bħala l-persuna li aggredixxa lir-raġel tagħha u li ġibed lilha 'l barra mill-istabbiliment. Ix-xhud ikkonfermat li fil-proċeduri kriminali, huwa biss il-konvenut Stankovic li huwa akkużat b'rabta ma' dan il-każ.

Fl-udjenza tal-15 ta' Jannar, 2018 xehed **Raymond Sultana**[6], li qal li hu ħabib tal-attur, u dakinhar li seħħ l-inċident inkwistjoni, ix-xhud flimkien ma' martu kienu miftehmin mal-attur u l-mara tiegħu, u flimkien marru ġewwa l-istabbiliment bl-isem Bacco's, fi Triq Santa Rita, San Ġiljan. Ix-xhud qal li l-aggressjoni seħħet waqt li l-partijiet kienu qegħdin jixorbu xi ħaġa mal-bar, meta għadda *waiter* li ħataf lill-attur minn wara u tefgħu mal-art. Kompla jgħid li f'salt wieħed ġew għadd ta' uffiċjali tas-sigurtà li lkoll bdew jaggredixxu lill-attur:

> "Jien ma nistax nidħol f'nofshom nipprova niġbed lil Shaun ngħidilhom "itilquh, itilquh, għaliex qed tagħmlulu hekk". Dak is-*security* jibqa' jagħtih hekk bil-ponn qisek qed tara film, bil-ponn ġo wiċċu u b'irkupptejh minn taħt. Jien nipprova ngħidilhom "itilquh, itilquh" u nipprova niġbdu minn idejh għax ma nistax nidħol

[6] *A fol.* 63 tal-proċess.

> jien għax sakkruna hekk u wieħed minnhom tani wkoll daqqa li tefagħni lura. Imbagħad nara lil dak is-*security* wieħed minnhom joħroġ lil Shaun 'il barra u lil Alice, il-mara tiegħu minn għonqha 'l barra wkoll."

Ix-xhud qal li hu seta' jistabbilixxi li dawn il-persuni kienu uffiċjali tas-sigurtà mill-mod kif kienu lebsin.

Fl-istess udjenza xehdet **Michaela Sultana**[7], li kkonfermat li hi taf lill-attur minħabba li hi ħabiba tiegħu u tal-mara tiegħu. Ix-xhud qalet li dakinhar li seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, hi u r-raġel tagħha Raymond kienu ftiehmu li joħorġu jiċċelebraw il-*birthday* tal-mara tal-attur, u kienu marru Bacco's ġewwa San Ġiljan. Qalet li f'ħin minnhom hi kienet qiegħda titkellem ma' mart l-attur meta rat bniedem jaqbad lill-attur minn għonqu u nqalgħet kommozzjoni. Kompliet tgħid li fil-mumenti ta' wara ġew għadd ta' uffiċjali tas-sigurtà li ġibdu lill-attur u bdew jaggreduh, tant li tefgħuh mal-ġenb tad-*dj stand* u bdew ituh bis-sieq u bil-ponn. Żiedet tgħid li *bodyguard* minnhom qabad lil mart l-attur minn għonqha wara li kien refa' jdejh fuq l-attur, u hi kienet għarfet lil din il-persuna. Ix-xhud żiedet tgħid li l-attur ma seta' jagħmel xejn tant li lanqas biss seta' jiċċaqlaq minħabba li ntefa' mal-art, u fil-mumenti ta' wara l-istess uffiċjali tas-sigurtà tefgħu lill-attur 'il barra bid-daqqiet, u ħallewh maġenb Santa Rita Steps, ħdejn Bacco's. Ix-xhud speċifikat li r-raġel li qabad lill-attur minn għonqu qabel bdiet il-kommozzjoni ma kienx l-istess raġel li fil-konfront tiegħu ttieħdu proċeduri kriminali. Ix-xhud qalet li l-uffiċjali tas-sigurtà li kien hemm fil-post m'għamlu xejn biex jikkalmaw is-sitwazzjoni.

---

[7] *A fol.* 68 tal-proċess.

Fl-udjenza tas-16 ta' Frar, 2018 xehed **Andrew Cassar**[8], li jiġi missier il-mara tal-attur, li qal li l-għada tal-inċident filgħaxija huwa kien mar mal-attur l-Għassa ta' San Ġiljan biex jagħmel rapport, u l-Pulizija li kien hemm l-Għassa bagħat żewġ uffiċjali jelevaw filmati tas-sigurtà mill-istabbiliment fejn seħħ l-inċident. Ix-xhud żied jgħid li d-direttur tas-soċjetà konvenuta Signal 8 Security Malta Limited, Jovan Grech kien kollega tiegħu fil-passat, u dan kien offra li jkellmu sakemm ma jkunx hemm proċeduri kontra l-istess soċjetà. Qal li xi ġranet wara dan Jovan Grech offra li jiltaqa' max-xhud u mal-attur u l-mara tiegħu, għalkemm waqt din il-laqgħa rriżulta li l-istess Grech kien għadu ma rax il-filmati elevati mill-istabbiliment. Kompla jgħid li waqt li l-attur u martu ħarġu barra wara din il-laqgħa, Grech kien informa lix-xhud li l-uffiċjali tas-sigurtà kienu lesti joħorġu ammont ta' flus kull wieħed sabiex jitħallsu lill-attur, u b'kollox dawn kienu qegħdin joffru madwar elfejn Euro (€2,000). Madanakollu din l-offerta ma kinitx aċċettata mill-attur. Żied jgħid li xi ġranet wara reġa' ċempillu Jovan Grech li kien qallu li ra l-filmat tas-sigurtà inkwistjoni u li jkun aħjar jekk ix-xhud ma jarahx ukoll minħabba fil-livell ta' aggressjoni murija fih.

Fl-udjenza tat-23 ta' April 2018 xehed **il-Professur Albert Bezzina**[9], li kkonferma r-rapport mediku mħejji minnu dwar l-istat ta' saħħa tal-attur. Ix-xhud, li qal li hu speċjalizzat fl-oftalmoloġija, qal li hu kien invista lill-attur xi ġranet wara li seħħ l-inċident inkwistjoni minħabba li l-vista tiegħu kienet imtappna minn frak li dan beda jara. Ix-xhud spjega li kien hemm *blunt injury* li mhux neċessarjament tikkawża tiċrit fit-tessuti ta' barra għalkemm l-għajn tista' tiġi affettwata internament. Kompla jispjega li dak li kien qiegħed

[8] *A fol*. 77 tal-proċess.
[9] *A fol.* 80 tal-proċess.

jesperjenza l-attur ikkawżalu skumdità u l-attur kien għadu qiegħed jilmenta minn uġigħ fiż-żona tal-għajn. Ix-xhud spjega n-natura ta' disturb li qiegħed jesperjenza l-attur b'dan il-mod:

> "Għar-rigward l-*issue* tiegħi ta' kemm qed nissuġġerixxi li hemm *percentage disability* dik hija bbażata fuq il-fatt illi d-disturb, id-disturb li qed jara l-pazjent minħabba dawn il-*floaters* jistgħu jkunu ta' *anguish,* ansjetà *off and on* jiddependi fuq il-kwantità ta' dawl li jkun hemm jew kuntrast ta' dawl."

Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, ix-xhud qal li minkejja li ma jistax jikkonferma jekk il-vista tal-attur inbidlitx konsegwenza ta' dan l-inċident, madanakollu l-fatt li dan beda jilmenta li qed jara *floaters* fl-età tiegħu, il-probabbilità hi li dawn ġew instigati minħabba fit-trawma li sofra f'għajnejh. Ix-xhud ikkonferma li minkejja li l-każ tal-attur mhux wieħed ta' diżabilità, madanakollu dan għandu problema ta' natura medika li twassal għal skumdità. Ix-xhud spjega li minkejja li jeżisti intervent kirurġiku li jista' jsir biex titneħħa l-iskumdità kkawżata mill-*floaters,* madanakollu dan l-intervent fih ir-riskji tiegħu, li jafu jkunu akbar mill-vantaġġi f'każ li jitneħħew l-istess *floaters.* Spjega li t-tnaqqis fil-vista minn għajn waħda ma jikklassifikax bħala diżabilità.

Fl-udjenza tat-23 ta' April, 2018 reġa' xehed l-attur li ppreżenta sensiela ta' ritratti[10], li ttieħdu dakinhar tal-inċident u ritratti oħrajn li ttieħdu xi ġranet wara li seħħ l-inċident, kif ukoll ir-ritratt elevat mill-*website* ta' Bacco's fejn jidher il-konvenut Stankovc.[11]

[10] *A fol.* 89 tal-proċess.
[11] Ritratti *a fol.* 92 *et seq.* tal-proċess.

Fl-udjenza tal-21 ta' Mejju, 2018 sar il-kontroeżami tax-xhud **Andrew Cassar**[12], li ġie mistoqsi dwar ix-xhieda li ta preċedentement fejn qal li hu kien jaf lil Jovan Grech. Ix-xhud qal li fil-passat hu u Grech kienu kollegi ta' xulxin fil-Korp tal-Pulizija. Ikkonferma wkoll li Grech qatt ma offra flus minn butu, iżda d-diskors li kien sar miegħu kien fis-sens li wħud mill-impjegati mas-soċjetà Signal 8 Security Malta Ltd kienu offrew li joħorġu xi ħaġa tal-flus u jiġbru ammont sabiex jingħata lill-attur.

Fl-udjenza tal-25 ta' Ġunju, 2018, reġa' xehed l-attur **Shaun Zammit**[13], li kkonferma li hu pproċeda kontra l-konvenuta Signal 8 Security Services Malta Limited minħabba li kien ġie indikat lilu li l-uffiċjali tas-sigurtà impjegati fl-istabbiliment fejn seħħ l-inċident inkwistjoni kienu impjegati ma' din il-kumpannija.

Fl-istess udjenza xehed **Jovan Grech**[14], li qal li hu CEO u direttur tas-soċjetà konvenuta Signal 8 Security Services Malta Limited li toffri diversi servizzi ta' sigurtà, fosthom lil dipartimenti tal-Gvern u lil kumpanniji privati, iżda din ma toffrix servizzi ta' sigurtà ġewwa stabbilimenti tad-divertiment. Kompla jgħid li hemm kumpannija oħra bl-isem ta' S8S Limited li toffri tali servizzi ġewwa *nightclubs* fosthom ġewwa Bacco's, l-istabbiliment li fih seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Żied jgħid li fil-każ tal-istabbiliment Bacco's, dan għandu sigurtà *in-house* kif ukoll jitolbu kumpanniji bħalma hija S8S Limited sabiex jipprovdulhom uffiċjali addizzjonali għas-sigurtà tal-post. Qal li dakinhar tal-inċident hu ma kienx fuq il-post, u meta seħħ l-inċident hu kien intalab imur l-Għassa minħabba li l-Pulizija riedu jkellmuh b'rabta ma' dan l-inċident. Spjega

[12] *A fol.* 97 tal-proċess.
[13] *A fol.* 100 tal-proċess.
[14] *A fol.* 101 tal-proċess.

li huwa ma jafx min hu l-konvenut Stankovic. Ix-xhud ikkonferma li hu kien iltaqa' mal-attur, mal-mara tiegħu u ma' Andrew Cassar xi ġranet wara li seħħ l-inċident, u huwa kellu l-impressjoni li jekk l-attur jirċievi xi ħaġa tal-flus kien iwaqqaf kollox hemm. Ix-xhud jgħid li hu kien qal lill-attur li huwa ma kien involut f'xejn u għalhekk kien ser jara jekk kienx hemm xi uffiċjali tas-sigurtà mill-kumpannija tiegħu involut dakinhar tal-inċident u kien ser jerġa' jkellmu dwar dan f'data futura. Qal ukoll li wara li ra l-filmati tas-sigurtà, hu kien deherlu li kien il-ħabib tal-attur li beda jaqla' l-inkwiet u mhux l-uffiċjali tas-sigurtà impjegati fl-istabbiliment. Kompla jgħid li kien wara laqgħa li kellu mal-attur li huwa kien offra li jinġabru ammont ta' flus mingħand l-uffiċjali tas-sigurtà li kien hemm fil-post u dan minħabba li hu fatt notorju li dawn hawn Malta mhumiex regolati. Spjega li dan l-ammont ma ġiex offrut bħala ħlas għal xi danni sofferti mill-attur, iżda biex jitmewtu l-affarijiet. Ix-xhud esebixxa kopja ta' estratt mir-Reġistru tal-Kumpanniji b'dettalji dwar is-soċjetajiet Signal 8 Security Services Malta Limited u s-soċjetà S8S Limited.[15] Ġew ippreżentati wkoll għadd ta' fatturi li s-soċjetà S8S Limited ħarġet lil Bacco Wine Bar fir-rigward ta' għadd ta' uffiċjali tas-sigurtà li hija pprovdiet fl-istess stabbiliment.[16]

Is-soċjetà konvenuta Hugo's Limited ippreżentat l-*affidavit* ta' **Luke Chetcuti** (ID 595691M) bħala *licensee* tal-istabbiliment Bacco's li jinsab f'Saint Rita Steps, San Ġiljan. Qal li hu rreġistrat bħala *licensee* mal-Malta Tourism Authority, u dan l-istabbiliment jifforma parti mill-blokk fejn hi mibnija l-lukanda 'Hugo's Hotel', u s-sid ta' Bacco's fil-fatt hija Hugo's Hotel Limited. Ix-xhud żied jgħid li l-operat ta' Bacco's huwa ġestit mill-kumpannija li fiż-żmien

[15] *A fol.* 108 tal-proċess.
[16] *A fol.* 116 *et seq.* tal-proċess.

tal-inċident kien jisimha HPNC Limited u li maż-żmien sar jisimha H Operations Limited. Ix-xhud spjega li hemm diversi persuni rreġistrati mal-Malta Tourism Authority bħala sostituti, fosthom Noel Falzon li hu l-*manager* tal-post, u ssemma wkoll ċertu Dylan Mallia li wkoll jaġixxi bħala *manager* f'dan il-post meta ma jkunx disponibbli Falzon. Ix-xhud qal li hu ma jaf xejn dwar dan l-inċident, u l-attur la ġie mweġġa' minn impjegat ma' Hugo's Hotel Limited u lanqas minn xi impjegat ta' Hugo's Limited, jew minn xi ħadd li għandu x'jaqsam ma' Bacco's. Ix-xhud żied jgħid ukoll li huwa jaf li s-soċjetà HPNC Limited, illum H Operations Limited, tingaġġja kumpannija mmexxija minn Jovan Grech rigward il-provediment ta' servizz ta' uffiċjali tas-sigurtà. Qal li l-persuni li jintbagħtu biex jagħmlu dan ix-xogħol ma jkunux dejjem l-istess nies, u din is-sistema titħaddem minn diversi stabbilimenti u postijiet tad-divertiment immexxija mis-soċjetà rappreżentata minnu. Ix-xhud ippreżenta estratt mid-dokumenti reġistrati minn Hugo's Hotel Limited (C 8556) fir-Reġistru tal-Kumpanniji.[17]

Is-soċjetà konvenuta Hugo's Limited ippreżentat ukoll l-*affidavit* ta' **Noel Falzon**[18], li qal li fiż-żmien meta seħħ l-inċident huwa kien il-*manager* ta' Bacco's, u għalhekk kien jieħu ħsieb il-ġestjoni tal-istess stabbiliment. Ix-xhud spjega li minkejja li mil-lukanda Hugo's Hotel m'hemm l-ebda aċċess għal dan l-istabbiliment partikolari, madanakollu Bacco's jifforma parti minn din l-istess lukanda, u huwa kkunsidrat bħala wieħed mir-ristoranti tal-lukanda. Qal li s-sid tal-istabbiliment Bacco's hija l-kumpannija Hugo's Hotel Limited. Ix-xhud qal li parti mix-xogħol tiegħu tinvolvi l-korrispondenza mal-kumpannija mmexxija minn Jovan Grech , li hija l-kumpannija mqabbda minn Hugo's Hotel

[17] *A fol.* 129 tal-proċess.
[18] *A fol.* 135 tal-proċess.

sabiex tieħu ħsieb is-sigurtà tal-istabbiliment, u parti minn xogħlu huwa li jassigura li jkollu biżżejjed impjegati sabiex jagħmlu x-xogħol ta' sigurtà meħtieġ f'dan l-istabbiliment. Ix-xhud spjega li hu personalment m'għandux x'jaqsam mal-ħaddiema pprovduti mill-kumpannija tas-sigurtà, u l-unika ħaġa li huwa jassigura ruħu minnha hi li fl-istabbiliment ikun hemm biżżejjed uffiċjali tas-sigurtà sabiex jaqdu d-doveri li hemm bżonn. Ix-xhud qal li hu ma jaf xejn dwar l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, għalkemm qal li l-Pulizija mill-Għassa ta' San Ġiljan kienu bagħtu għalih u hu kien ħa ħsieb jipprovdi l-filmati tas-sigurtà elevati minn fuq il-post. Ix-xhud esebixxa kopja tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet **The Police *vs.* Stankovic Srdan**, mogħtija fil-5 ta' Settembru, 2018[19], fejn fil-proċeduri kriminali li ttieħdu kontra l-konvenut Stankovic, il-Qorti kkonkludiet li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-akkużi mressqa minnha, u għalhekk illiberat lill-konvenut Stankovic mill-akkużi mressqa kontrih.

Fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru, 2018 xehdet l-**Avukat Maria Elisa Buttigieg**[20] in rappreżentanza tal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta, li qalet li l-istabbiliment Bacco's hu rreġistrat bħala *restaurant second class* u l-liċenzja tal-post issejjaħ lil Luke Chetcuti.

Fl-istess udjenza xehed il-**PL Quentin Tanti**, in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Kumpanniji[21], li ppreżenta kopja tal-*Memorandum and Articles of Association* tas-soċjetà Hugo's Hotel Limited.[22]

---

[19] *A fol.* 136 tal-proċess.
[20] *A fol.* 157 tal-proċess.
[21] *A fol.* 163 tal-proċess.
[22] *A fol.* 166 tal-proċess.

Fl-udjenza tat-28 ta' Novembru, 2018 sar il-kontroeżami ta' **Luke Chetcuti**[23], li qal li l-istabbiliment Bacco's m'għandux uffiċjali tas-sigurtà impjegati miegħu, iżda għal tali servizz isir *sub-contracting* mill-kumpannija mmexxija minn Jovan Grech. Ix-xhud ikkonferma li dakinhar li seħħ l-inċident mertu tal-kawża huwa kien diġà daħal fit-tmexxija tal-istabbiliment inkwistjoni, għalkemm qal li ma kienx preżenti fuq is-sit. Żied jgħid ukoll li hu ma jiħux ħsieb aspetti ta' ħruġ u ħlasijiet ta' fatturi għal servizzi pprestati lin-negozju.

Fl-istess udjenza sar il-kontroeżami ta' **Noel Falzon**[24], li qal li hu għandu liċenzja bħala sostitut tal-istabbiliment inkwistjoni. Ix-xhud spjega li l-fatturi li jirċievi l-istabbiliment Bacco's b'rabta ma' servizzi ta' sigurtà pprovduti fl-istess stabbiliment dejjem ħarġu minn S8S Limited. Ix-xhud żied jgħid li l-kuntratt għall-provvediment ta' uffiċjali tas-sigurtà dejjem sar ma' Signal 8, u hu dejjem ittratta ma' Jovan Grech għall-provediment tas-servizzi meħtieġa.

## Konsiderazzjonijiet legali

F'kawżi ta' din ix-xorta, il-Qorti jeħtiġilha tistabbilixxi jekk fl-ewwel lok, hemmx responsabbilità x'tinġarr mill-konvenuti jew minn uħud minnhom għad-danni subiti mill-attur, u f'każ li tirriżulta r-responsabbilità ta' xi ħadd mill-konvenuti għad-danni li jirriżulta li ġew subiti mill-attur, il-Qorti tgħaddi biex tillikwida dawn id-danni.

[23] *A fol.* 179 tal-proċess.
[24] *A fol.* 182 tal-proċess.

*Leġittimi Kontradditturi:*

Il-Qorti tinsab rinfaċċjata minn eċċezzjoni komuni għaż-żewġ soċjetajiet konvenuti fil-kawża, dik li mhumiex leġittimi kontradditturi f'dawn il-proċeduri. Fil-każ tas-soċjetà konvenuta Signal 8 Security Malta Limited, id-direttur tagħha, Jovan Grech xehed li s-soċjetà li huwa direttur tagħha mhijiex responsabbli mis-sigurtà fil-post fejn seħħ l-inċident inkwistjoni, u hu personalment lill-konvenut Stankovic Srdan lanqas biss jafu peress li dan mhux impjegat mas-soċjetà konvenuta. Grech spjega li s-servizzi ta' sigurtà fl-istabbiliment fejn seħħet l-aggressjoni inkwistjoni jiġu pprovduti minn kumpannija bl-isem S8S Limited, li d-direttur tagħha huwa iben Jovan Grech. Mix-xhieda li ta Noel Falzon, il-persuna li għandu l-liċenzja tal-istabbiliment Bacco's, jirriżulta li l-kuntratt għall-provediment ta' uffiċjali tas-sigurtà għall-istabbiliment inkwistjoni sar ma' Signal 8 Security Services Malta Limited imma prova dokumentarja dwar dan ma nġabitx f'dawn il-proċeduri. Ix-xhud Noel Falzon qal ukoll li hu dejjem ikkontratta ma' Jovan Grech għas-servizzi ta' sigurtà meħtieġa. Mill-kopji tal-fatturi esebiti jirriżulta ppruvat li s-servizzi ta' sigurtà dakinhar li seħħ l-inċident inkwistjoni tħallset għalihom is-soċjetà S8S Limited, għalkemm ma nġab l-ebda kuntratt jew kopja tal-ftehim bejn l-istabbiliment u l-kumpannija li minn żmien għal żmien kienet tintalab tipprovdi persuni biex jagħmlu xogħol ta' sigurtà fl-istabbiliment inkwistjoni. Tibqa' għalhekk il-kwistjoni jekk is-soċjetà konvenuta Signal 8 Security Services Malta Limited għandhiex twieġeb għal-lanjanzi mressqa mill-attur jew le, u dan meta jirriżulta li ma kinitx din is-soċjetà li pprovdiet l-uffiċjali tas-sigurtà fil-post fejn seħħ l-inċident inkwistjoni, u meta jirriżulta li l-konvenut Stankovic Srdan m'għandu l-ebda relazzjoni ma' din l-istess soċjetà peress li

ma kienx impjegat magħha, tant li d-direttur tal-istess soċjetà xehed li lill-konvenut huwa lanqas biss jafu.

F'deċiżjoni fl-ismijiet **Av. Michael Psaila noe *vs.* Joseph Pace et**[25], ġie stabbilit illi:

> "Min jeċċepixxi illi hu mhux il-leġittimu kontradittur jeħtieġ illi jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi għat-talba proposta bl-istanza għaliex hu ma kienx daħal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'għadx għandu tali rapport."

F'deċiżjoni oħra fl-ismijiet **Focal Maritime Services Company Limited *vs.* Top Hat Company Limited**[26], intqal illi:

> "Huwa bla dubju indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled mir-rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt, minn intervent delittwuż jew akwiljan, *ope successionis* jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju f'kondominju jew il-kreazzjoni ta' ċerti servitujiet) li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konċessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika."

F'deċiżjoni fl-ismijiet **Frankie Refalo et *vs.* Jason Azzopardi et**[27], intqal:

> "Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabbilixxi jekk parti in kawża kinitx jew le leġittima kontradittriċi tal-parti l-oħra, kellha bilfors tivverifika *prima facie* jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju kinitx materjalment parti fin-negozju li skont l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.
> Jekk dan in-ness jiġi stabbilit, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attriċi, kwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan in kwantu l-premessi għalihom jekk provati, setgħu jwasslu għall-kundanna mitluba f'każ li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jopponi għaliha."

---

[25] P.A., 03.10.2008.
[26] Appell, 09.04.2008.
[27] Appell, 5.10.2001.

In vista tal-fatt li jirriżulta li s-soċjetà konvenuta Signal 8 Security Services Malta Limited m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika la mal-istabbiliment fejn seħħet l-aggressjoni, la mal-konvenut innifsu stante li dan ma kienx ingaġġjat magħha, u lanqas mal-attur tant hu hekk hija m'għandha l-ebda obbligazzjoni x'tissodisfa fil-konfront tiegħu, il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenuta Signal 8 Security Services Malta Limited għandha tinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju minħabba li ma tistax titqies li hija leġittima kontradittriċi f'din l-istanza.

Eċċezzjoni simili tqajmet mis-soċjetà konvenuta Hugo Limited, li qalet li s-sid tal-istabbiliment Bacco's, il-post fejn saret l-aggressjoni, hija Hugo's Hotel Limited, filwaqt li l-operat tal-istess stabbiliment kien fdat f'idejn kumpannija oħra, dak iż-żmien HPNC Limited, illum H Operations Limited. Jirriżulta li filwaqt li l-operat tal-istabbiliment kien fdat f'idejn waħda mill-kumpanniji li d-direttur tagħhom kien Hugo Chetcuti u llum il-ġestjoni tagħhom hija fdata f'idejn ibnu Luke Chetcuti, madanakollu s-soċjetà Hugo's Hotel Limited kienet tingaġġja soċjetà liċenzjata sabiex tipprovdi servizzi ta' uffiċjali tas-sigurtà fl-istabbilimenti tagħha, u l-uffiċjali tas-sigurtà li dakinhar li seħħ l-inċident kienu fl-istabbiliment Bacco's, la kienu impjegati tas-soċjetà konvenuta Hugo's Limited u lanqas kienu impjegati direttament mal-istabbiliment innifsu. Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li l-aggressjoni jidher li nbdiet fl-istabbiliment li s-sid tiegħu hija kumpannija kkontrollata mill-istess Luke Chetcuti, li xehed li dakinhar li seħħ l-inċident hu kien diġà involut fit-tmexxija kemm tal-istabbilimenti kif ukoll ta' wħud mill-kumpanniji li ssemmew f'dawn il-proċeduri, ma jfissirx li b'daqshekk hu sodisfatt l-element tar-relazzjoni ġuridika li għandu jkun hemm bejn min jipproponi l-azzjoni, l-attur, u min qiegħed jintalab iwieġeb għat-talbiet attriċi, is-soċjetà konvenuta Hugo's Limited. F'dan il-każ minkejja li s-soċjetà konvenuta Hugo's Limited tista'

titqies li hi *sister company* tal-kumpannija li waqt il-ġbir tal-provi rriżulta li hi s-sid tal-istabbiliment inkwistjoni, xorta waħda huwa nieqes l-element tan-ness ġuridiku rikjest bejn l-att dannuż li sar u r-responsabbilità li għandu jġorr min wettaq l-att, u dan għaliex jirriżulta li l-aggressuri, li lkoll kemm huma ġew identifikati bħala uffiċjali tas-sigurtà mill-mod kif kienu lebsin, ma kinux fil-kontroll jew taħt ir-responsabbiltà legali tal-ebda waħda mis-soċjetajiet konvenuti ċċitati mill-attur f'din il-kawża.

*Responsabbilità:*

Jifdal hekk li l-Qorti tikkonsidra r-responsabbilità o meno tal-konvenut Stankovic Srdan fl-aggressjoni sofferta mill-attur. Stankovic irrifjuta n-notifika tar-Rikors Maħluf mill-Marixxall tal-Qorti, minkejja li kien hemm interpretu jakkumpanjah fl-awla tal-Qorti fejn sar it-tentattiv tan-notifika, filwaqt li jirriżulta wkoll li dan naqas milli jiddefendi ruħu jew b'xi mod iwieġeb għall-pretensjonijiet attriċi miġjuba fil-konfront fir-rikors promutur. Lill-Qorti jirriżultalha li minkejja li ttieħdu proċeduri kriminali fil-konfront tal-istess Stankovic, dan ġie liberat mill-akkużi in vista tal-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati kkonsidrat li l-Prosekuzzjoni f'dawk il-proċeduri ma rnexxilhiex tipprova l-każ tagħha kontrih. Madanakollu, filwaqt li l-Qorti qieset l-imsemmija deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati fil-proċeduri kriminali li kien hemm kontra l-konvenut, u tatha l-piż probatorju li jistħoqqilha bħala dokument ppreżentat fl-atti ta' din il-kawża, qieset ukoll li l-grad ta' prova fi proċeduri kriminali hu ferm aktar oneruż mill-grad ta' prova f'kawżi ċivili, fejn il-konvinzjoni tal-Qorti trid tkun ibbażata mhux lil hinn minn kull dubju imma fuq bilanċ ta' probabbilitajiet li tnissel fil-fehma tal-ġudikant iċ-ċertezza morali rikjesta sabiex tasal għad-

deċiżjoni tagħha. Il-Qorti tagħmilha ċara li l-eżitu tal-proċeduri kriminali meħuda fil-konfront ta' Srdan Stankovic bl-ebda mod ma jinċidu fuq il-proċeduri odjerni u dan fid-dawl tal-fatt li l-grad ta' prova fil-kamp ċivili huwa differenti minn dak fil-kamp kriminali.

Il-Qorti qieset fit-tul il-provi mressqin quddiemha. M'hemm l-ebda dubju li l-attur sofra aggressjoni li ħallietu jbati minn skumdità u tnaqqis fil-vista, u tali aggressjoni ġiet minn persuni li kienu ingaġġjati fl-istabbiliment Bacco's sabiex joffru servizzi ta' sigurtà, kif xehdu persuni li kienu qegħdin jakkumpanjaw lill-attur dakinhar li seħħet l-aggressjoni mertu tal-kawża, fosthom martu Elize Zammit u x-xhud Raymond Sultana. L-identità ta' Stankovic ġiet determinata minn mart l-attur, li għarfet lill-konvenut bħala l-persuna li kien fost dawk li aggredew lill-attur u li ħariġha 'l barra mill-istabbiliment wara li ġie aggredit żewġha. Stankovic min-naħa tiegħu għażel li jirrifjuta n-notifika tar-Rikors Maħluf li permezz tiegħu nbdew dawn il-proċeduri, kif ukoll għażel li ma jiddefendix ruħu u baqa' kontumaċi. Ir-regola ġenerali f'kawżi ta' din ix-xorta hija li kull persuna trid twieġeb għall-ħsara kkawżata minnha[28]. F'deċiżjoni fl-ismijiet **Joseph Grech *vs.* Emanuel Ellul pro et noe**[29], ġie ritenut illi:

> "Sabiex ikun hemm lok għad-danni irid ikun hemm ness ta' kawżalità bejn il-fatt kolpuż u l-konsegwenza dannuża."

Il-Qorti hija tal-fehma li l-attur irnexxielu jipprova l-elementi rikjesti *ai termini* tal-artikolu 1031 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan billi jirriżulta li waqt li l-attur kien qiegħed f'post tad-divertiment ma' martu u ma' koppja oħra, dan safa aggredit mill-konvenut Stankovic u spiċċa jġarrab ġrieħi sostanzjali

[28] L-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili jgħid li "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu."
[29] P.A.,27.06.1995.

f'għajnejh tant li ser jibqa' jbati minn telf fil-vista u minn *floaters* li kultant ħin itellfulu l-vista. L-espert oftalmiku *ex-parte* li kkura lill-attur, Dr Albert Bezzina, qal li l-uġigħ u t-tnaqqis fil-vista ta' waħda minn għajnejn l-attur ma jikklassifikawx bħala debilità permanenti. L-istess espert ikkonferma li l-*floaters* li qiegħed jilmenta minnhom l-attur huma riżultat dirett tat-trawma li sofra meta qala' daqqiet f'wiċċu, u ma setgħux kienu hemm qabel dan l-inċident minħabba l-età u l-kundizzjoni ġenerali ta' saħħet l-attur. Ix-xhud qal ukoll li minkejja li m'hemmx debilità permanenti f'sens mediku, dan ma jfissirx li t-tbatija li għaddej minnha l-attur mhix waħda reali jew waħda li taffettwa l-abbilità tiegħu li jaħdem jew li jkompli jgħix ħajtu, tant li l-istess xhud qal hekk,

> *"... though no visual disability can be ascertained, the anguish and irritation claimed by the victim, Mr. Shaun Zammit, is in fact real and is further compounded by the recurring pain around the left orbit when he bends forwards."*

L-espert mediku Dr Albert Bezzina tant kien konvint minn din it-tbatija li għaddej minnha l-attur, li saħansitra stabbilixxa li l-uġigħ u l-effetti l-oħra li għadu jħoss l-attur in vista tal-aggressjoni sofferta minnu, jammontaw għal tnaqqis ta' 4% tal-funzjonament tiegħu, anki jekk din l-evalwazzjoni tiegħu tista' ma twassalx għal diżabilità permanenti f'sens mediku. Il-Qorti kkonsidrat l-artikolu 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula li:

> "Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib ..."

Minn qari ta' dan id-dispost tal-liġi, jirriżulta li l-Qrati għandhom jillikwidaw id-danni sofferti minn persuna meta din issofri 'inkapaċità għal dejjem'. Tqies li minkejja li mil-lat mediku, it-tnaqqis fil-vista f'għajn waħda mhux meqjus bħala 'inkapaċità permanenti', madanakollu l-fatt li l-vista tal-attur sfat affettwata minħabba fid-daqqiet li qala', liema stat ta' fatt ser jipperdura għall-kumplament ta' ħajtu, stante li kif xehed l-oftalmologu kuranti tal-attur, l-uniku intervent kirurġiku li jista' jsir sabiex il-*floaters* jitneħħew u sabiex il-vista tal-attur tiġi korretta, fih ir-riskji inerenti tiegħu, għandu jikklassifika bħala 'inkapaċità għal dejjem' li ġiet fuq l-attur konsegwenza tal-aggressjoni sofferta minnu. Għalhekk il-Qorti sejra tgħaddi biex tillikwida l-kumpens dovut lill-attur għat-telf ta' qligħ futur li dan jista' jkollu in vista ta' dak diġà spjegat, u dan fid-dawl tal-fatt li ma tressqet ebda prova li l-attur sofra xi danni materjali konsegwenza ta' dak li seħħ.

*Lucrum Cessans:*

F'sentenza mogħtija fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[30], il-Qorti qalet:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn

[30] P.A., 18.02.2013.

mhumiex assoluti. F'deċiżjoni fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[31], intqal illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Il-Qorti tirrileva li l-attur ma ressaq l-ebda prova dwar il-qligħ tiegħu fis-snin ta' qabel seħħ l-inċident inkwistjoni, u minkejja li fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur intqal li dan jaqla' tnejn u erbgħin elf Euro (€42,000) fis-sena, fl-istadju tal-provi ma nġabet l-ebda prova ta' dan. Inoltre mill-atti ma jirriżultax li l-attur xehed jew dwar l-impjieg tiegħu jew dwar xi kwalifiki professjonali jew vokazzjonali li jista' għandu, u għalhekk in vista tan-nuqqas ta' tali prova, il-Qorti ser tibbaża l-valutazzjoni tagħha għall-fini ta' kumpens fuq il-paga minima nazzjonali għas-sena 2013, is-sena li fiha seħħ l-inċident inkwistjoni, li kienet tammonta għal €8,433.88 gross jew €7,590.50 netti.

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' tletin (30) sena, li hija l-età li kellu l-attur fis-sena 2013, il-*multiplier* adottat għandu jkun ta' 30, tenut kont li persuna fl-età tal-attur hu mistenni jaħdem almenu sakemm ikollu ħamsa u sittin (65) sena sabiex jilħaq età pensjonabbli. F'sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjugi Restall**[32], il-Qorti qalet:

[31] P.A., 27.04.2005.
[32] P.A., 10.05.2005.

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler vs Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
>
> ...
>
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler vs Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

Fil-każ odjern ġie stabbilit mill-espert mediku *ex-parte* li eżamina lill-attur wara dan l-inċident, li dan qiegħed isofri minn debilità permanenti fil-grad ta' 4%.

Il-paga minima nazzjonali għas-sena 2013 trid tiġi aġġustata abbażi tal-għoli tal-ħajja[33] għall-perijodu kollu tal-*multiplier,* sabiex b'hekk id-dħul bażiku li fuqu ser tkun qiegħda tagħmel il-komputazzjoni tagħha l-Qorti huwa ta' €7,590.50 + €9,776.56 / 2 = €8,683.53.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jrid isir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens

[33] F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*." Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, ir-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38%(2013) + 0.31%(2014) + 1.10%(2015) + 0.64%(2016) + 1.37%(2017) ÷ 5= 0.96%}.

qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Din il-kawża ġiet istitwita fl-2017 u ser tinqata' ftit aktar minn sentejn wara li kien hemm l-ewwel udjenza, filwaqt li ma jistax jintqal li f'dawn il-proċeduri kien hemm xi delungar da parti ta' waħda jew oħra mill-partijiet.

Is-salarju medju ta' €8,683.53 x *multiplier* ta' 30 x 4% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għal ċifra ta' €10,420.24 li meta ridotta b'20% *(lump sum payment),* tiġi €8,336.19. Huwa dan il-*lucrum cessans* li ser jiġi likwidat mill-Qorti, liema danni l-Qorti qiegħda tistabbilixxi li jridu jitħallsu mill-konvenut Stankovic Srdan.

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta Signal 8 Security Services Malta Limited u tas-soċjetà konvenuta Hugo's Limited li huma mhumiex leġittimi kontradittturi f'dawn il-proċeduri, u konsegwentement tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju;**

2. **Tilqa' t-talbiet tal-attur, u tiddikjara li l-konvenut Stankovic Srdan huwa responsabbli għad-danni sofferti mill-attur, filwaqt li tillikwida l-**

**kumpens dovut lill-attur mill-konvenut Stankovic Srdan fis-somma ta' tmint elef, tliet mija u sitta u tletin Euro u dsatax-il ċenteżmu (€8,336.19);**

3. **Tikkundanna lill-konvenut Stankovic Srdan biex iħallas lill-attur id-danni kollha minnu sofferti kif likwidati.**

**Bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenut Stankovic Srdan. L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kwantu għall-kwart mill-attur u kwantu għal tliet kwarti mill-konvenut Stankovic Srdan.**

Moqrija.